32006D0394

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-31 ta' Mejju 2006

li temenda l-Appendiċi għall-Anness XIV ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 rigward ċerti stabbilimenti fis-settur tal-laħam fis-Slovakkja

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 2073)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/394/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni, ta' Ċipru, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Ungerija, u b'mod partikolari l-Anness XIV, Kapitolu 5, Taqsima B, paragrafu (d) tiegħu,

Billi:

(1) Is-Slovakkja ngħatat perjodi ta' tranżizzjoni għal ċerti stabbilimenti elenkati fl-Appendiċi [1] ta' l-Anness XIV għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

(2) L-Appendiċi ta' l-Anness XIV ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 ġie emendat bid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2004/463/KE [2], 2005/189/KE [3] u 2005/661/KE [4].

(3) Skond dikjarazzjoni uffiċjali mill-awtorità kompetenti Slovakka, stabbiliment wieħed tal-laħam lesta l-proċess ta' titjib u issa qiegħed f'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità. Stabbiliment wieħed tal-laħam fil-lista ta' stabbilimenti fi tranżizzjoni waqaf parzjalment mill-attivitajiet tiegħu. Stabbiliment wieħed tal-hut għalaq. Dawk l-istabbilimenti għandhom għalhekk jitneħħew mil-lista ta' stabbilimenti li qegħdin fi tranżizzjoni.

(4) L-Appendiċi għall-Anness XIV għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 għandu għalhekk jiġi emendat kif jixraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, dak l-Appendiċi għandu jinbidel.

(5) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali ġie mgħarraf bil-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Appendiċi għall-Anness XIV għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 jinbidel bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar il-31 ta' Mejju 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU C 227 E, 23.9.2003, p. 1654.
[2] ĠU L 156, 30.4.2004, p. 138. Verżjoni kkorreġuta ĠU L 202, 7.6.2004, p. 95.
[3] ĠU L 62, 9.3.2005, p. 34.
[4] ĠU L 245, 21.9.2005, p. 18.

ANNESS

"Appendiċi

msemmi fil-Kapitolu 5, Taqsima B għall-Anness XIV (*)

Lista ta' stabbilimenti, kif ukoll in-nuqqasijiet u ż-żmien mogħti għar-rettifika ta' dawn in-nuqqasijiet

Numru ta' l-approvazzjoni veterinarja	Isem l-istabbiliment	Nuqqasijiet	Data ta' konformità shiha
GA 6-2	Sereďský MP a.s., Bratislavská 385, Sereď	Id-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE: Anness I, Kapitolu I, punt 1(a), (b) u (g) Anness I, Kapitolu I, punt 11 Anness I, Kapitolu I, punt 14(a)	31.12.2006

(*) Għat-test ta' l-Anness XIV ara ĠU L 236, 23.9.2003, p. 915."